9 ta' Marzu, 1956
Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Carmela Fenech pr. et ne. *versus* Antonio Galea

**Danni — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Art. 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili**

*F'materja ta' danni kaġunati b'għemil dannuż li jikkaġuna l-mewt ta' persuna, hu diffiċili li wieħed jifhem kif tista' tiġi avanzata t-teorija li ma hemmx lok għar-riżarċiment tal-"lucrum cessans". Għax il-liġi espressament tagħti bħala riżarċiment ta' danni mhux biss id-"damnum emergens", imma anki l-"lucrum cessans", jiġifieri t-telf ta' qliegħ li tbati l-quddiem il-persuna danneġġjata minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, kaġunata b'dak l-għemil, u tispjega kif għandha tiġi fissata s-somma tal-"lucrum cessans". Mbgħad tkompli tgħid li, meta l-għemil doluż ikun ġieb il-mewt, minbarra d-"damnum emergens", tingħata lill-werrieta tal-mejjet bħala danni somma, likwidabbli bħal fil-każ ta' inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li hi appuntu s-somma tal-"lucrum cessans".*

*Jekk id-dannu ma jkunx ġie kaġunat b'għemil doluż, is-somma likwidata ma tistax tkun aktar mil-limiti massimu ta' £1,200; u l-fissazzjoni tas-somma hija rimessa għall-arbitriju diskrezzjonali tal-Qorti fil-limiti traċċjat mill-liġi ta' £1,200.*

*F'din il-materja ma hemmx regoli fissi u inflessibbli, ma hemmx*

*"quantitative scale" tad-danni; għax kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ. U l-liġi, għall-gwida tal-Qorti fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha, tindika bħala kriterji (1) iċ-ċirkustanzi tal-każ, (2) ix-xorta u grad tal-inkapaċità, (3) u l-kondizzjoni tal-persuna li tbati l-ħsara.*

*Każ fejn ġiet maqtula persuna bl-għemil imprudenti ta' kaċċatur, u l-Qorti tal-Ewwel Grad akkordat bħala danni lill-werrieta tal-vittima s-somma massima ta' £1,200. Liema somma ġiet mill-Qorti tal-Appell ridotta għal £1,000.*

Il-Qorti; — Rat fol. 52 is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tas-6 ta' Ottubru, 1953, fejn hemm miġjuba t-talba tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet respinta t-talba tal-attriċi, imma minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ ġie ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa;

Rat fol. 120 is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti ta' l-Appell tal-24 ta' Mejju 1954, li biha s-sentenza fuq imsemmija ta' dik il-Qorti ġiet revokata, billi l-konvenut ġie dikjarat responsabbli tad-danni lejn l-attriċi proprio et nomine minħabba l-fatt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u ġie ordnat illi l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għall-aċċertament u likwidazzjoni tad-danni; bl-ispejjeż li sa allura kienu saru, tant ta' l-ewwel kemm tat-tieni istanza, kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza l-oħra ta' l-Ewwel Qorti tas-17 ta' Novembru 1955, li biha laqgħet it-talba tal-attriċi, u hekk ikkundannat lill-konvenut iħallasha, fil-kwalitajiet tagħha msemmija fiċ-ċitazzjoni, is-somma ta' £1,200 għall-kawżali hemm indikata, u ordnat li l-ispejjeż iħallashom il-konvenut; billi kkunsidrat;

Illi l-konvenut jinsab dikjarat responsabbli, minħabba negliġenza u imprudenza tiegħu, tal-mewt ta' Giovanni Fenech. Jirriżulta mill-provi illi dik il-mewt ikkaġunat danni lill-attriċi u lill-uliedha, li kienu jiddependu prinċipalment, jekk mhux unikament, mill-istess Giovanni Fenech, martu u uliedu rispettivament;

Illi l-perit legali, wara li kkunsidra illi l-imsemmi Giovanni Fenech kien "gunner" fl-R.M.A., kellu għaxar snin servizz u kien jaqla' £6. 9. 6 fil-ġimgħa minbarra l-"family

allowance", paga li probabbilment kienet tiżdied, u fiż-żmien li miet kien għad għandu 37 sena, kif ukoll li huwa kien l-unika fonti ta' qliegħ tal-familja, martu u sitt uliedu, ilkoll minuri, wasal għall-konklużjoni li s-somma dovuta mill-konvenut lill-attriċi in linea ta' danni, kif minnha mitluba, hi dik ta' £1,200, jew il-massimu li tistabbilixxi l-liġi f'każi bħal dawn, meta jkun jittratta minn ħtija, u mhux minn għemil doluż;

Illi l-konvenut jissottometti illi t-tfal tal-attriċi ma jistgħux jikkonsegwixxu ebda ammont qabel ma l-attriċi ommhom tiġi nominata tutriċi u tkun aċċettat il-wirt ta' missierhom bil-benefiċċju tal-inventarju; kif ukoll jissottometti illi l-perit legali qatt ma seta' jillikwida d-danni fis-somma ta' £1,200, minħabba, partikularment, il-kondizzjoni soċjali tal-mejjet Giovanni Fenech u l-probabbilità fi grad minimu ta' suċċess fil-ħajja tal-istess Giovanni Fenech;

Illi jinsab stabbilit illi f'materja bħal din tal-każ taħt konsiderazzjoni, fost id-danni riżarċibbli hemm il-"lucrum cessans", minħabba l-inkapaċità permanenti, totali jew parzjali. Għal din l-inkapaċità tingħata somma mill-Qorti. Din is-somma ma għandhiex tiskorri l-massimu ta' £1,200 f'każ ta' kolpa, bħala distint minn dak ta' każ ta' għemil doluż; fid-diskrezzjoni tal-arbitriju diskrezzjonali tagħha, il-Qorti għandha tqies iċ-ċirkustanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara (Vol. XXXVI-I-181);

Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ konformement mad-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Qorti tal-Appell, jidher illi l-konklużjoni raġġunta mill-perit legali, għar-raġunijiet minnu sottomessi, in kwantu huwa stabbilixxa s-somma ta' £1,200 bħala dik dovuta in linea ta' danni lill-attriċi minħabba l-fatt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għandha tiġi milqugħa;

Illi d-diffikultà sollevata mill-konvenut, li t-tfal tal-attriċi ma jistgħux jikkonsegwixxu xejn, għaliex ommhom mhix tutriċi tagħhom, tinsab il-lum ovvjata, billi b'digriet numru 336 tal-21 ta' Marzu 1955, mogħti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, l-attriċi ġiet nominata tutriċi tal-imsemmijin uliedha, u ġiet awtorizzata taċċetta f'isem l-istess tfal

minuri tagħha l-eredità ta' missierhom Giovanni Fenech bil-benefiċċju tal-inventarju; u b'nota tad-29 ta' Marzu 1955 l-attriċi, bħala tutriċi tal-istess uliedha, aċċettat f'isimhom bil-benefiċċju tal-inventarju l-eredità ta' missierhom Giovanni Fenech, kif awtorizzata minn din il-Qorti bid-digriet ġa msemmi;

Rat fil-fol. 167 il-petizzjoni tal-konvenut, li biha appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija tas-7 ta' Novembru 1955, u talab li tiġi riformata fis-sens li s-somma tad-danni tiġi likwidata f'ammont ferm anqas minn dak fissat mill-Ewwel Qorti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appellant donnu qiegħed isostni fil-petizzjoni li f'każ bħal dak preżenti l-liġi ma tagħtix il-"lucrum cessans". Verament hu diffiċili li wieħed jifhem kif tista' tiġi avanzata dina t-teorija meta t-test tal-liġi hu hekk ċar. L-art. 1088 Kap. 23 Ediz. Riv. jagħti, in riżarċiment tad-danni, minbarra d-"damnum emergens", riżultanti mill-ewwel parti tal-ewwel sub-artikolu, anki l-"lucrum cessans", riżultanti mill-aħħar parti ta' dak is-subartikolu, fejn jgħid: "It-telf ta' qliegħ li tbati il-quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib";

Fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu tispjega kif għandha tiġi fissata s-somma tal-"lucrum cessans" li tingħata fil-każ ta' inkapaċità permanenti, totali jew parzjali, imsemmija fis-subartikolu ta' qabel. Mbgħad fl-art. 1089 il-liġi tgħid li, meta l-egħmil dannuż ikun ġieb il-mewt, minbarra d-"damnum emergens", tingħata lill-werrieta somma għad-danni, likwidabbli bħal fil-każ ta' inkapaċità permanenti totali skond l-art. 1088, li hi appuntu s-somma tal-"lucrum cessans";

Dan l-argument tal-appellant hu, għalhekk, destitwit minn kwalunkwe bażi;

Ikkunsidrat, kwantu għall-ammont tad-danni;

Il-Qorti tal-Ewwel Istanza adottat il-konklużjoni tal-perit legali, u ffissat l-ammont tad-danni fiċ-ċifra ta' £1200;

Dak ir-rapport, li jinsab fol. 137 tal-inkartament, ma hux però tali li din il-Qorti tista' taċċettah; mhux biss

għaliex ma jidherx li l-perit kellu quddiemu l-kriterji moltepliċi li għandhom jiġu kunsidrati f'każijiet simili, imma anki għaliex il-kalkolu fih kontenut hu krudament aritmetiku u nieqes minn elementi oħra li kien imisshom jitqiesu fil-formazzjoni tal-istess ċifri tal-kalkolu nnifsu;

Kif jidher mis-sentenza dwar id-deklaratorja tar-responsabbiltà, konservata in kopja fil-fol. 120 tal-inkartament, dan kien każ ta' omiċidju involontarju, kaġunat b'negliġenza fl-isparar ta' arma tal-kaċċa. Il-"quantum" tad-danni hu regolat bl-art. 1089 tal-Kap. 23, li jagħmel riferenza għall-artikolu ta' qablu, 1088. Peress li d-dannu ma ġiex kaġunat malizzjożament, għalhekk is-somma likwidanda ma tistax tiskorri l-limiti massimu ta' £1200;

Kif osservat din il-Qorti f'kawża oħra (ara "Savona vs. Asphar", 23 ta' Ġunju 1952), f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u inflessibbli, ma hemmx "quantitative scale" tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti (f'każ ta' ħsara mhux dolożament kaġunata) stabbiliti mill-liġi;

Fl-eżerċizzju ta' din id-diskretiva tagħha, il-Qorti, qabel ma tasal għall-fissazzjoni tal-ammont, għandha tħares lejn ċirkustanzi moltepliċi, u tista' wkoll utilment tuża, bħala "tests" biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' komputu suġġeriti fil-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikulari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċità ta' kriterju adattabbli għall-partikularitajiet ta' kull fattispeċje;

Il-liġi tindika tliet kriterji, li l-ewwel wieħed minnhom hu suffiċjentement komprensiv; ċjoè:— (a) iċ-ċirkustanzi tal-każ; (b) ix-xorti u grad ta' inkapaċità; (c) il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;

Kwantu għall kriterju taħt l-ittra (b), l-inkapaċità f'dan il-każ kienet fi grad massimu; u a propożitu hu sewwa dak li ntqal mit-Tribunal ta' Bari (20 ta' Ġunju 1906, Bertollo c. Dell'Acqua, Res. Giur. Pugliese, 1906, 213):— "Il supremo bene dell'uomo è senza dubbio la vita; essa non appartieni a lui solo, ma ai suoi eredi e a quanti traggono

morale ed economico vantaggio da lui; onde è che il valore della vita umana va calcolato con criteri di equità, i quali, senza essere esagerati, non sieno nemmeno eccezionalmente miti". Għalhekk, f'każ ta' mewt, dik li jgħidulha "utilità economica perduta" għandha tkun korrelatata malħajja preżunta tal-mejjet ('expectation of life'). F'dan il-każ il-mejjet kellu 47 sena, u la kien suldat, vwoldiri kien b'saħħtu; u hu risaput, kif juru t-tavoli statistiċi tal-kumpanniji tas-sikurtà, li fil-pajjiżi meridjonali l-"expectation of life" hi aktar lejn is-60 milli lejn is-70 sena, għad-differenza tal-pajjiżi nordiċi, fejn tapprossima din tal-aħħar — dejjem, s'intendi, "in medja". Lanqas dana l-kriterju, però, ma għandu jkun riġidu; għaliex hemm dejjem dawk li fiddottrina Ingliża in materja jissejħu "the ordinary chances of life".

Kwantu għall-kriterju taħt l-ittra (c), il-provi juru li l-mejjet kien artillier, u bejn paga, "marriage allowance" u "ration allowance", kien jirċievi £6. 18. 3 fil-ġimgħa. Hu kellu familja li, barra martu l-attriċi, kienet tikkonsisti, meta miet, f'ħamest itfal, l-akbar ta' sitt snin u l-iċken ta' sena. Wara mewtu, lill-attriċi twieldetilha l-postuma, Caterina. Il-probabbilità hi li l-mejjet kien jitla' fir-rank, u l-paga tiżdiedlu; u a propożitu ma għandhiex tintnesa l-massima "in probatione lucri cessantis sufficiunt praesumptiones". Il-gradi ta' din il-probabbilità huma ndikati fid-dokument fol. 151;

Kwantu għall-kriterju taħt l-ittra (a), hemm x'wieħed jikkunsidra li dan kien każ, kif diġà ġie ritenut fis-sentenza deklaratorja fol. 120, ta' negligenza fi grad massimu. Għandu wkoll jitqies li l-mejjet kien iżomm lill-martu u lill-uliedu bħala uniku sostentament tagħhom, u għalhekk il-qliegħ tiegħu futur kien ikun preżumibbilment destinat għalihom, u kien ikun il-vantaġġ ekonomiku li huma kienu jikkonsegwixxu kieku l-kap tal-familja baqa' ħaj, salva d-detrazzjoni ta' dak li, minn dak il-qliegħ, hu kien jirrivolġi għalih stess personalment;

Minn naħa l-oħra, jeħtieġ li f'dawn il-kalkoli wieħed jikkunsidra wkoll, kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza, li

r-riżarċiment qiegħed jitħallas f'somma kapitali f'daqqa, li hi produttiva ta' interessi, mentri kieku l-awtur tal-atturi baqa' ħaj, is-somma kienet tkun rivolta a vantaġġ tagħhom progressivament f'ammonti żgħar li kienu jintnefqu. Qalet il-Qorti tal-Appell ta' Trani (25 ta' Frar 1898, Cusanno c. Menduni, Riv. Giur. Trani. 1898, 297):— "Occorre tener conto anche *della circostanza che il risarcimento si paga* in una somma capitale, produttiva di interessi, per diminuire in proporzione la risultanza del primo calcolo." U l-istess Qorti tal-Appell ta' Torin (31 ta' Diċembru 1909, Soc. Trams Torinesi c. Cumino, Giur. Tor., 1910, 267), wara li enunċjat ċerti kriterji, żiedet il-kliem "......... e tenuto calcolo del fatto che la somma dei guadagni diventa immediatamente esigibile";

Wara li qieset dan kollu, u wara li rriflettiet anki dwar il-kriterji li jużaw il-kumpanniji tas-sikurtà biex kontra l-ħlas ta' somma jagħtu redditu għal tant żmien, "servatis servandis", din il-Qorti hi ta' fehma li s-somma tad-danni għandha tkun ta' elf lira (£1,000);

Għall-motivi fuq indikati;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriduċi s-somma tad-danni għaċ-ċifra ta' £1,000. Kwantu għall-ispejjeż posterjuri għal dawk diġà provvduti bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1954, tordna li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu fuq il-konvenut, u dawk ta' dan l-appell jitħallsu in proporzjon tar-rebħ u t-telf;

In vista tal-fatt li t-tfal għadhom minuri, din il-Qorti tipprovdi fis-sens li l-ħlas lill-attriċi proprio et nomine għandu jsir lilha bl-assistenza tad-difensur tagħha Dottor Joseph Ganado, li għandu jieħu ħsieb jitlob il-provvedimenti meħtieġa lis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.